MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 503/2005

**Robert u Catherine konjugi Brincat**
**(ID 135572 M u 201873M) rispettivament.**

**Vs**

**Keith Cutajar**
**(ID 268677 M)**
**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Frar, 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` hames mija u hamsa u hamsin lira (Lm555) rapprezentanti valur ta` hsarat ikkagunati fil-faccata tad-dar tal-atturi per konsegwenza ta` hruq tal-vettura misjuqa mill-konvenut nhar is-16 ta` Gunju, 2003.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 19 ta` Novembru, 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 5 ta` Lulju, 2005 fejn eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta` kompetenza ai termini tal-artikolu 3 Kap. 380 tal-ligijiet ta` Malta u fil-meritu li l-konvenut ma kkaguna ebda danni fil-proprjeta` tal-atturi u l-ammont mitlub huwa ezagerat. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tas-7 ta` Novembru, 2005, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar l-inkompetenza ta` dan it-Tribunal u l-kontestazzjoni kwindi baqghet biss fuq il-meritu.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-attur Robert Brincat xehed bil-gurament fejn spjega kif sehh l-incident in kwistjoni meta l-mini minor hadet in-nar, intefghet mal-faccata tad-dar tieghu bil-konsegwenza li kkagunat hsara fil-faccata ta` l-istess dar. Huwa ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija dwar dan. Is-Surgent Maggur Anthony Lia kkonferma dan ir-rapport bil-gurament tieghu u esebixxa l-istess immarkat Dok AL1. Spjega li l-mini minor in kwistjoni kienet bin-numru LAR 013 u li kien hu stess li personalment a tempo vergine kellem lis-sewwieq taghha li kien il-konvenut Keith Cutajar li rrakkontalu kif gara l-incident tal-hruq tal-vettura li kien qieghed isuq.

L-attur spjega wkoll li l-faccata tieghu sfaret bin-nirien u ghalhekk issa jehtieg li jerga` jbajjadha mill-gdid. L-ammont li qed jitlob f'din il-kawza bbazha fuq stima li hariglu certu Stephen Farrugia. Huwa pprezenta seba` ritratti mmarkati Dok RB1 sa Dok RB7, juri l-qaghda tal-faccata tad-dar tieghu. Ipprezenta zewg stimi tal-hsarat Dok SE1 u Dok MK1, ta` l-ahhar ikkonfermata bil-gurament minn Martin Kitcher. Il-verzjoni moghtija minn Robert Brincat giet ikkonfermata fis-sustanza minn martu Catherine Brincat.

Illi l-konvenut kien mistenni li jressaq il-provi tieghu fis-seduta tal-14 ta` Dicembru, 2006 u fid-29 ta` Jannar, 2007

u ghat-trattazzjoni finali fit-8 ta` Frar, 2007 pero` huwa naqas li jidher u li jgib il-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu mressqa fil-meritu. Illi barra minnhekk it-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ghandu b'xi mod jiddubita mill-provi mressqa mill-atturi u jsib li tali provi kienu sodisfacenti in sostenn tat-talba taghhom.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` it-talbiet attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u kwindi ghal hsarat ikkagunati fil-proprjeta` tal-atturi u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta` hames mija u hamsa u hamsin lira (Lm555), bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha kif mitluba a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------